Kulleġġ Santa Margerita
Skola Primarja Żabbar B

**Linji Gwida - *Bullying***

- Il-*bullying* huwa fenomenu li spiss nisimgħu dwaru u li jista' jieħu diversi forom. *Bullying* jista' jkun dirett jew indirett, verbali, fiżiku, *online* (*cyber-bullying)*, jew jieħu forma diskriminatorja kontra individwu jew grupp ta' individwi minħabba razza, reliġjon jew sess.

- *Bullying* imur kontra d-drittijiet u jnaqqas mil-libertà tal-individwu.

- Hi x'inhi l-forma, *bullying* mhux ittollerat u tittieħed azzjoni immedjata jekk dan ikun qed iseħħ.

- Tajjeb iżda, li wieħed jifhem sew x'inhu *bullying* biex anke nevitaw inkwiet żejjed. Jista' jkun hemm każ ta' *bullying* biss **jekk**:

  1. L-azzjoni tkun ripetuta għal tul ta' żmien;
  2. L-azzjoni tkun intiża biex tweġġa';
  3. Hemm żbilanċ ta' poter.

- Ġlied, disgwid, konflitt, imġiba ħażina, tgħajjir reċiproku u ħafna inċidenti oħra li niltaqgħu magħhom ta' kuljum m'humiex bilfors *bullying*!

- Fl-iskola nagħmlu dak kollu li hu possibbli biex inħarsu lill-istudenti minn kull tip ta' *bullying* billi nipprovdu ambjent pożittiv fejn ir-rispett reċiproku jirregola l-imġiba ta' kull individwu.

- L-istudenti huma mħeġġa jimxu mar-regoli tal-iskola biex kemm jista' jkun inaqqsu inċidenti li jistgħu iwasslu għal *bullying*.

- Edukaturi, ġenituri u studenti huma mħeġġa jżommu għajnejhom miftuħin, **mingħajr paniku żejjed**, biex tittieħed azzjoni f'waqtha bl-iskop li nindirizzaw diffikultajiet qabel dawn jikbru.

- B'mod partikolari, l-istudenti huma mħeġġa jitkellmu mal-għalliema u jiddiskutu diffikultajiet u problemi li jistgħu ikunu qed jiltaqgħu magħhom, kemm huma, kif ukoll sħabhom.

- Jekk ikun hemm suspett ta' *bullying*, irid ikun hemm intervent immedjat. Il-każ jiġi riferut lill-Kap tal-Iskola, (jew lill-Assistent Kap fl-assenza tal-Kap tal-Iskola), biex ikunu jistgħu jittieħdu l-passi kollha li jista' jkun hemm bżonn.

- Dawn il-passi jiddependu fuq in-natura tal-każ li jista' jiġi riferut lill-*guidance teachers, counsellors,* jew lis-servizz tal-*anti-bullying* skont il-ħtieġa.

- Jinżamm rendikont bil-miktub dwar kull każ.

- Il-*policy* uffiċċjali *Addressing Bullying Behaviour in Schools* tinstab *online* hawnhekk.

- Il-proċeduri f'każ ta' bullying fl-iskola huma rregolati mid-dokumenti uffiċċjali hekk kif ippublikati mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol (2014).